# IT-TRIQ TAS-SALIB
# IMMEXXIJA MILL-Q.T. IL-PAPA FRANĠISKU

IL-ĠIMGĦA L-KBIRA
10 TA' APRIL 2020



VIA CRUCIS
MAIOLICHE (1757)
IMWAQQFA MILL-ARĊIKONFRATERNITÀ TAT-TEWTONIĊI
ĊIMITERJU TAT-TEWTONIĊI
IL-BELT TAL-VATIKAN

**STAZZJONIJIET TAS-SALIB 2020**
Meditazzjonijiet mill-Ħabs ta' Padova

miġjuba għall-Malti minn Francesco Pio Attard

## Introduzzjoni

Il-meditazzjonijiet tal-Istazzjonijiet tas-Salib din is-sena tħejjew mill-Kappillanija taċ-Ċentru ta' Detenzjoni "Due Palazzi" ta' Padova. Il-Papa Franġisku stieden erbatax-il persuna biex jimmeditaw fuq il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, billi jaraw kif tolqot is-sitwazzjoni tagħhom. Dawk mistiedna jinkludu ħames ħabsin, familja li kienet vittma ta' omiċidju, il-bint ta' raġel li qed jiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs, għalliem fil-ħabs, maġistrat ċivili, omm ta' ħabsi, katekista, voluntier reliġjuż, gwardjan tal-ħabs u saċerdot li ġie akkużat u mbagħad saflaħħar meħlus wara tmien snin fis-sistema ġudizzjarja.

Aħna u nimxu ma' Kristu fit-Triq tas-Salib, flimkien mal-ilħna naturali ta' dawk li jgħixu wara l-ħitan ta' ħabs, għandna l-opportunità li nħarsu lejn il-battalja kbira bejn il-ħajja u l-mewt, li niskopru kif in-nisġa tat-tajjeb u l-ħażin bilfors tixxeblek flimkien. Xħin nikkontemplaw il-Kalvarju minn wara l-bibien ta' ċella tal-ħabs nifhmu kif ħajja sħiħa tista' tieħu xejra oħra fi ftit mumenti, kif ġralu l-ħalliel it-tajjeb. Kulma hemm bżonn hu li wieħed jimla dawk il-mumenti bil-verità: l-indiema mid-dnubiet imwettqa, l-għarfien li l-mewt mhix għal dejjem, iċ-ċertezza li Kristu hu r-raġel innoċenti mkasbar inġustament. Kollox hu possibbli għal dawk li jemmnu, għax imqar fid-dalma tal-ħabs tidwi l-aħbar kollha tama: "Għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (Lq 1:37). Jekk xi ħadd inewlilhom idu, dawk li kienu kapaċi jwettqu delitti hekk tal-biża' jistgħu jgħaddu minn qawmien li ħadd qatt ma kien jistħajjel. Nistgħu nibqgħu ċerti li "mqar meta nirrakkuntaw il-ħażen, nistgħu nitgħallmu nħallu wisa' għall-fidwa, imqar qalb il-ħażen nistgħu nagħrfu d-dinamiżmu tat-tajjeb u nagħmlulu wisa'" (*Messaġġ tal-Papa Franġisku għall-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni* 2020).

F'din it-triq, il-*Via Crucis* issir il-*Via Lucis*.

It-testi, miġbura flimkien mill-kappillan Don Marco Pozza u l-voluntiera Tatiana Mario, inkitbu fl-ewwel persuna, imma ġie deċiż li ma jingħatawx ismijiet, għax dawk li ħadu sehem f'din il-meditazzjoni riedu jisilfu leħinhom lil dawk kollha fid-dinja li jinsabu mixħuta fl-istess qagħda. Illejla, fil-ħemda tal-ħabs, il-leħen ta' wieħed irid isir il-leħen ta' kulħadd.

*Nitolbu.*
*O Alla, Missier li tista' kollox,*
*f'Ġesù Kristu Ibnek*
*int ħadt fuqek il-ġrieħi u t-tbatija tal-umanità.*
*Illum insib il-kuraġġ li nitolbok, bħall-ħalliel it-tajjeb: "Ftakar fija!".*
*Ninsab hawn, waħdi quddiemek, fid-dalma ta' dan il-ħabs: fqir, għeri, imġewwaħ u mistmerr, u qed nitolbok issawwab fuq il-ġrieħi tiegħi l-balzmu tal-maħfra u l-faraġ, u l-inbid ta' solidarjetà li tqawwi l-qalb.*
*Fejjaqni bil-grazzja tiegħek u għallimni nittama qalb il-qtigħ il-qalb.*
*Mulej tiegħi u Alla tiegħi, jiena nemmen; għinni fin-nuqqas ta' fidi tiegħi.*
*Missier ħanin, ibqa' afda fija, biex tagħtini opportunitajiet ġodda, biex tħaddanni fl-imħabba tiegħek bla tarf.*
*Bl-għajnuna tiegħek u bid-don tal-Ispirtu s-Santu, jiena wkoll insib il-ħila li nagħrfek u naqdik f'ħuti kollha.*
*Amen.*

**L-Ewwel Stazzjon**
**Ġesù kkundannat għall-mewt**
(Meditazzjoni minn priġunier li qed jiskonta sentenza ta' għomru l-ħabs)

*Pilatu, billi ried jitlaq lil Ġesù, għolla leħnu u raġa' kellimhom; iżda huma qabdu jgħajtu aktar minnu u jgħidu: "Sallbu! Sallbu!". Għat-tielet darba qalilhom: "Imma dan x'għamel ħażin? Ma sibt fih ebda ħtija li ħaqqha l-mewt. Mela nagħtih is-swat u nitilqu". Iżda huma b'ħafna għajjat baqgħu jinsistu u jitolbu li jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom. Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma. Telqilhom lil min talbu, jiġifieri lil dak li kien mitfugħ il-ħabs minħabba rewwixta u qtil, u lil Ġesù tahulhom bħalma xtaqu* (Lq 23:20-25).

Kemm drabi dik l-għajta, "Sallbu, sallbu!", tismagħha tidwi fl-awli tal-qrati u fuq il-ġurnali. Hija għajta li smajtha wkoll kontrija: ġejna kkundannati, jien u missieri, għal sentenza ta' għomorna l-ħabs. It-tislib tiegħi beda sa minn meta kont għadni daqsxejn ta' tifel: meta nħares lura nara lili nnifsi mgerrex waħdi fuq ġenb fil-bus li kienet teħodni l-iskola, imwarrab minn kulħadd għax kont inlaqlaq biex nitkellem, bla ħbieb xejn. Dħalt fid-dinja tax-xogħol ta' età żgħira, bla ma kelli ċans nistudja: l-injoranza rebħet fuq l-innoċenza. Imbagħad l-ibbuljar seraq dak li kien fadal mit-tfulija ta' dan it-tifel imwieled il-Calabria fis-sebgħinijiet. Iktar qisni Barabba milli Kristu, u safrattant l-agħar kundanna tibqa' dik tal-kuxjenza tiegħi stess: billejl niftaħ għajnejja u nfittex iddisprat xaqq dawl li jista' jixgħel fuq l-istorja tiegħi.

Waħdi fiċ-ċella, meta nerġa' naqra l-paġni tal-Passjoni ta' Kristu, ninfaqa' nibki: wara 29 sena fil-ħabs għadni ma tliftx il-kapaċità li nibki, li nistħi minħabba fl-istorja tal-passat tiegħi u l-ħażen li għamilt. Inħossni bħallikieku kont Barabba, Pietru u Ġuda fl-istess ħin. Il-passat tiegħi ma nġerrħux, imqar jekk naf li hu l-istorja tiegħi. Qattajt snin sħaħ ngħix taħt il-kundizzjonijiet iebsa tal-Artiklu 41b tal-Att għall-Amministrazzjoni tal-Ħabs u missieri miet f'dawk l-istess kundizzjonijiet. Kemm-il darba billejl smajtu jibki fiċ-ċella tiegħu. Kien jipprova jaħbili, imma jien kont naf. It-tnejn konna midfuna f'dalma qawwija. Imma f'dik il-ħajja li ma kinitx ħajja, dejjem kont qed infittex xi ħaġa li tista' ssarraf f'ħajja: stramba, imma l-ħabs kien is-salvazzjoni tiegħi. Jekk, għal xi wħud, għadni Barabba, dan ma jirrabjanix: f'qalbi naf li dak li kien l-Innoċenti, ikkundannat bħali, ġie jfittixni fil-ħabs biex jgħallimni dwar il-ħajja.

*Mulej Ġesù, minkejja dak l-għagħa kollu, nistgħu nilmħuk qalb il-ġmiegħi li qed jgħajtu biex tiġi msallab; forsi aħna wkoll ninsabu f'nofshom, għomja għall-ħażen li kapaċi naslu għalih. Miċ-ċelel tagħna rridu nitolbu lil Missierek għal dawk kollha li, bħalek, huma kkundannati għall-mewt, u għal dawk li jaslu biex, flok l-ogħla ġudizzju tiegħek, iqiegħdu tagħhom.*

*Nitolbu.*

*O Alla, li tħobb il-ħajja, fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni inti dejjem tagħtina opportunità ġdida biex induqu l-ħniena tiegħek bla tarf. Nitolbuk tagħtina d-don tal-għerf biex f'kull persuna nistgħu naraw tempju tal-Ispirtu tiegħek u nirrispettaw id-dinjità invjolabbli tagħhom. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-Tieni Stazzjon**
**Ġesù jerfa' s-Salib**
(Meditazzjoni minn żewġ ġenituri li binthom ġiet maqtula)

*Is-suldati ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz, jiġifieri l-Pretorju, u sejħu r-riġment kollu. Libbsuh ilbies aħmar skur, u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk. U bdew isellmulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!". U qabdu jagħtuh b'qasba fuq rasu, jobżqulu fuqu, u jilwu rkupptejhom quddiemu biex jagħtuh qima. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu ħwejġu. U ħaduh 'il barra biex isallbuh* (Mk 15:16-20).

F'dak is-sajf orribbli ħajjitna ta' ġenituri mietet flimkien ma' dik taż-żewġ uliedna bniet. Waħda nqatlet flimkien mal-ħabiba tal-qalb tagħha mill-vjolenza għamja ta' raġel bla qalb; l-oħra, li b'miraklu salvat, ġiet imċaħħda darba għal dejjem mit-tbissima tagħha. Tagħna kienet ħajja ta' sagrifiċċji msejsa fuq ix-xogħol u l-familja. Lil uliedna għallimniehom jirrispettaw lill-oħrajn u jagħtu valur lill-qadi tal-foqra. Spiss nistaqsu lilna nfusna: "Dan għaliex kellu jiġri lilna, dan id-deni li ġie fuqna?". Ma nistgħux insibu paċi. Lanqas il-ġustizzja, li fiha konna dejjem ittamajna, ma tista' sserraħ dawn il-weġgħat profondi: il-kundanna tagħna għat-tbatija m'hemmx tmiem għaliha.

Iż-żmien ma ħaffifx it-toqol tas-salib imqiegħed fuq spallejna: lil bintna li m'għadhiex iżjed magħna ma nistgħux ninsewha. Xjaħna, inħossuna dejjem iżjed vulnerabbli u vittmi tal-agħar uġigħ li jista' jeżisti: dak li bintna marret qabilna.

Mhux faċli tgħidha, imma fil-mument li fih il-qtigħ il-qalb donnu jkun ħa jirbaħ, il-Mulej b'mod differenti jiġi jiltaqa' magħna, jagħtina l-grazzja li nħobbu lil xulxin bħala miżżewġin, u li nissapportjaw lil xulxin, hi kemm hi iebsa. Jistedinna nżommu l-bieb ta' darna miftuħ għall-foqra u għal dawk ta' qalbhom maqtugħa, nilqgħu lil kull min iħabbat, imqar jekk sempliċiment għal bieqja soppa. Il-kmandament li ntwettqu għemejjel ta' karità għalina hu bħal salvazzjoni: ma rridu bl-ebda mod inċedu quddiem il-ħażen. L-imħabba ta' Alla tassew tista' ġġedded il-ħajja għax, qabilna, Ibnu Ġesù għadda mit-tbatija umana biex tassew seta' jurina kompassjoni.

*Mulej Ġesù, qalbna tuġagħna narawk imsawwat, imżeblaħ u mneżża', vittma innoċenti ta' kefrija diżumana. F'dan il-lejl ta' diqa, nitolbu lil Missierek u nafdawlu lil dawk kollha li daqu x'inhi l-vjolenza u l-ħażen.*

*Nitolbu.*

*O Alla, ġustizzja u fidwa tagħna, li tajtna lil Ibnek il-waħdieni u gglorifikajtu fuq it-tron tas-salib, sawwab it-tama tiegħek fi qlubna biex nistgħu nagħrfuk preżenti fil-mumenti mudlama ta' ħajjitna. Farraġna f'kull għawġ u weżinna fit-tiġrib tagħna aħna u nistennew il-miġja tas-saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-Tielet Stazzjon**
**Ġesù jaqa' għall-ewwel darba**
(Meditazzjoni minn priġunier)

*Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll* (Iż 53:4-6).

Kienet l-ewwel darba li waqajt, imma għalija dik il-waqgħa kienet tfisser il-mewt: temmejt il-ħajja ta' xi ħadd. Ġurnata waħda trid biex minn ħajja bla tebgħa tgħaddi għat-twettiq ta' għemil li jikser il-kmandamenti kollha. Inħossni qisni verżjoni moderna ta' dak il-ħalliel li ttallab lil Kristu bil-kelmiet "Ftakar fija!". Iktar milli penitent, nistħajlu wieħed li kien konxju li qiegħed fit-triq il-ħażina. Sa mit-tfulija tiegħi niftakar l-ambjent kiesaħ u ostili li fih trabbejt. Biżżejjed nintebaħ bid-dgħufija ta' xi ħadd, u l-gost tiegħi nibdilha f'divertiment. Kont qed infittex ħbieb veri, xtaqt li nħossni aċċettat għal dak li kont, imma ma rnexxilix. Kont ngħir għall-kuntentizza tal-oħrajn, ħassejt idejja marbuta, u ħaddieħor donnu kien qed jitlob minni biss sagrifiċċji u li nobdi r-regoli: ħassejtni qisni barrani għal kulħadd u ridt akkost ta' kollox infittex vendetta.

Ma kontx intbaħt li l-ħażen naqra naqra kien qed jherrini minn ġewwa. Sakemm, lejla waħda, faqqgħet is-siegħa tiegħi ta' dlam: f'sekonda, bħal valanga ta' silġ, it-tifkiriet tal-inġustizzji kollha li kont sofrejt f'ħajti żbruffaw. Ir-rabja qatlet it-tjieba li kien hemm fija, u wettaqt ħażen bil-wisq ikbar minn kull deni li kont irċivejt. Imbagħad, fil-ħabs, il-mod ħażin li bih ittrattawni l-oħrajn wassalni biex nobgħod lili nnifsi: kont wasalt biex intemm ħajti, kont missejt il-qiegħ. Sadattant kont irvinajt ukoll lill-familja tiegħi: minħabba fija tilfu l-fama tagħhom u r-rispett ta' kulħadd; kienu saru sempliċiment il-familja ta' qattiel. M'għandi l-ebda skuża xi nġib u ma jien qed infittex ebda skont għas-sentenza tiegħi; lest li nserviha sal-aħħar għax fil-ħabs sibt persuni li tawni lura l-fidi li kont tlift.

L-ewwel waqgħa kienet meta ma ntbaħtx li fid-dinja t-tajjeb jeżisti wkoll. It-tieni, il-qtil, fil-verità kien biss konsegwenza ta' dan, għax minn ġewwa kont ġa mejjet.

*Mulej Ġesù, int, ukoll, waqajt fl-art. Forsi l-ewwel waqgħa tiegħek kienet l-iktar iebsa għax kienet ġdida għalkollox: l-impatt kien qawwi u ħalliek imriegħed. Nafdaw f'dirgħajn Missierek lil dawk kollha li tant inqabdu fihom infushom li mhumiex kapaċi jagħrfu d-dnubiet li għamlu.*

*Nitolbu.*

*O Alla, int erfajt lill-bniedem meta waqa'. Nitolbuk taqbeż għalina fid-dgħufija tagħna u tagħtina għajnejn biex naraw is-sinjali ta' mħabbtek kullimkien fil-ħajja tagħna. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**Ir-Raba' Stazzjon**
**Ġesù jiltaqa' ma' Ommu**
(Meditazzjoni minn omm priġunier)

*Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek". Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok". U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu* (Ġw 19:25-27).

Lanqas għal waqt wieħed biss ma kont ittentata nabbanduna lil ibni f'wiċċ is-sentenza tiegħu. Minn dakinhar li ġie arrestat, ħajjitna kollha nbidlet: il-familja kollha daħlet il-ħabs miegħu. Sal-lum għadhom ma waqfux il-ġudizzji tan-nies: bħal sikkina taqta', kulħadd jipponta subgħajh lejna, u hekk iżidu fit-tbatija li diġà qed inġorru f'qalbna.

Il-ġrieħi jikbru kull jum li jgħaddi, u jaqtgħulna nifisna.

Inħoss lil Ommna Marija qrib tiegħi: hi tgħinni biex ma nċedix għad-disprament u biex b'xi mod niflaħ għall-uġigħ. Lilha fdajt lil ibni: ma' Marija biss nista' nafda l-biżgħat tiegħi, għax hi stess għaddiet minnhom fit-triq lejn il-Kalvarju. F'qalbha kienet taf li Binha ma kienx se jiskampa l-ħażen tal-bnedmin, imma xorta ma telqitux waħdu. Baqgħet hemm wieqfa taqsam fit-tbatija tiegħu, iżżommlu kumpanija bil-preżenza tagħha. Naħseb f'Ġesù jħares lejha, jilmaħ dawk l-għajnejn hekk mimlija ħniena, u ma jħossux waħdu.

Nixtieq nagħmel l-istess.

Waħħalt fija nnifsi għad-dnubiet ta' ibni. Tlabt maħfra wkoll tar-responsabbiltà li kelli jien. Nittallab il-ħniena li omm biss tista' tħoss, biex ibni jista' jirritorna għall-ħajja wara li jkun ħallas ta' ħżunitu. Nitlob il-ħin kollu għalih, biex jum wara l-ieħor jista' jikber u jsir bniedem differenti, li jerġa' jkun kapaċi jħobb lilu nnifsu u lill-oħrajn.

*Mulej Ġesù, il-laqgħa tiegħek ma' Ommok fit-triq tas-salib forsi hi l-aktar xena li tqanqal u ta' dulur.*

*Bejn iż-żewġ ħarsiet tagħkom aħna nqiegħdu l-familji u l-ħbieb kollha li jħossuhom imweġġgħa u bla saħħa quddiem dak li jkollhom jgħaddu minnu l-maħbubin tagħhom.*

*Nitolbu.*

*O Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja, dixxiplu fidil ta' Ibnek, lejk induru u nafdaw fil-ħarsa kollha mħabba tiegħek u fl-għożża tal-qalb tiegħek ta' omm il-karba tal-umanità kollha li qed tistenna muġugħa l-jum meta kull demgħa għad tintmesaħ minn fuq wiċċhom. Amen.*

**Il-Ħames Stazzjon**
**Xmun iċ-Ċirinew jgħin lil Ġesù jerfa' s-Salib**
(Meditazzjoni minn ħabsi)

*Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù* (Lq 23:26).

Bix-xogħol tiegħi għent ġenerazzjonijiet sħaħ ta' tfal jemmnu fihom infushom. Imbagħad jum wieħed sibt ruħi mkaħħal mal-art. Bħallikieku xi ħadd kisirli x-xewka ta' dahri: xogħli kien il-pretest għal verdett tal-mistħija. Dħalt il-ħabs: il-ħabs daħal f'dari. Minn dakinhar sirt barrani fil-belt: tlift ismi, issa jafuni bid-delitt li bih ġejt mixli, m'għadnix sid ta' ħajti. Meta noqgħod naħseb, jiġini f'moħħi dak it-tifel biż-żarbun imqatta', saqajh imxarrba u liebes ħwejjeġ użati: dak it-tifel kont jien, jien darba kont dak it-tifel. Imbagħad, jum wieħed, l-arrest tiegħi: tlitt irġiel liebsa l-uniformi, proċedura riġida, il-ħabs li belagħni ħaj fil-ħalq tal-konkrit tiegħu.

Is-salib li xeħtu fuq spallejja huwa wieħed tqil. Maż-żmien tgħallimt ngħix miegħu, inħares lejh f'għajnejh, insejjaħlu b'ismu: inqattgħu ħafna ljieli nagħmlu kumpanija lil xulxin. Fil-ħabsijiet, Xmun minn Ċirene jafu kulħadd: huwa t-tieni isem ta' voluntiera, ta' dawk li jitilgħu dan il-Kalvarju biex jgħinu lil min iġorr is-salib; huma nies li ma jimxux mal-liġi tal-massa imma jagħtu widen għall-kuxjenza tagħhom. Xmun minn Ċirene, ukoll, hu sieħbi taċ-ċella: iltqajt miegħu fl-ewwel lejl fil-ħabs. Kien raġel li kien għadda snin jgħix fuq bankina, mingħajr imħabba jew flus fil-but. L-uniku ġid li kellu kienet kaxxa ħelu. Kien iħobbu l-ħelu, imma insista miegħi li neħodha lil marti l-ewwel darba li ġiet iżżurni: hi nfaqgħet tibki għal dak il-ġest sabiħ u b'xejn ma kienet qed tistennieh.

Issa qed nixjieħ fil-ħabs: noħlom li jum wieħed għad inkun kapaċi nerġa' nibda nafda lill-oħrajn.

Li nsir Ċirinew, u nwassal il-ferħ lil xi ħadd ieħor.

*Mulej Ġesù, mill-mument ta' twelidek sa dakinhar li ltqajt ma' barrani li għenek terfa' s-salib, int ridt li tiddependi fuq l-għajnuna tagħna. Aħna wkoll, bħaċ-Ċirinew, nixtiequ nkunu qrib ta' ħutek u ngħinu biex noffru l-ħniena tal-Missier li tkisser il-madmad li qed jifnihom.*

*Nitolbu.*

*O Alla, difensur tal-foqra u faraġ tal-imnikktin, qawwina bil-preżenza tiegħek u għinna nerfgħu ta' kuljum il-madmad ħelu tal-kmandament ta' mħabbtek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

## Is-Sitt Stazzjon
## Il-Veronika tixxotta l-wiċċ ta' Ġesù
(Meditazzjoni minn katekista)

*"Ejja", għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej. La taħbix wiċċek minni, la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek. Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix u titlaqnix, Alla tas-salvazzjoni tiegħi* (Salm 27:8-9).

Bħala katekista, jien nixxotta ħafna demgħat, waqt li nħallihom iċarċru: igelglu bla waqfien minn qlub miksura. Ħafna drabi niltaqa' ma' persuni b'qalbhom maqtugħa li, fid-dalma tal-ħabs, jipprovaw isibu raġuni għall-ħażen li f'għajnejhom jidher bla tarf. Id-dmugħ tagħhom hu wieħed ta' min iħossu mirbuħ u waħdu, mifni bir-rimors u ma jistax jifhem. Spiss nistħajjel lil Ġesù hawn fil-ħabs floki: tgħid kif jixxuttahom id-demgħat? Kif itaffi mit-tbatija ta' dawn l-irġiel li jħossuhom ilsiera ta' dak li saru meta ċedew għall-ħażen?

Diffiċli nsibu tweġiba, anzi spiss impossibbli, fil-limiti tal-loġika fqira tagħna bħala bnedmin. It-triq li qed jurini Kristu hi li nikkontempla, bla biża', dawk l-uċuħ imxejna mit-tbatija. Jiena mitlub nibqa' hemm magħhom, nirrispetta s-skiet tagħhom, nisma' l-uġigħ tagħhom, u nfittex li nara lil hemm mill-preġudizzju. Bl-istess mod li bih Kristu jħares lejn id-dgħufijiet u l-limitazzjonijiet tagħna b'għajnejn mimlija mħabba. Kulħadd, inkluż dawk fil-ħabs, għandu opportunità li ta' kuljum isir persuna ġdida, grazzi għall-ħarsa ta' Kristu li ma tiġġudikax, imma tagħti l-ħajja u t-tama.

B'dan il-mod, id-dmugħ li jaqa' jista' jinbidel f'żerriegħa ta' ġmiel li qajla stajna nimmaġinawh.

*Mulej Ġesù, il-Veronika ġietha ħniena minnek: hi ltaqgħet ma' persuna fit-tbatija u skopriet il-wiċċ ta' Alla. Fit-talb aħna nafdaw lil Missierek l-irġiel u n-nisa ta' żminijietna li qed ifittxu kif jixxuttaw id-dmugħ ta' tant minn ħutna.*

*Nitolbu.*

*O Alla, dawl veru u għajn ta' kull dawl, fid-dgħufija int turi l-qawwa u l-kobor ta' mħabbtek. Stampa l-wiċċ tiegħek fi qlubna, biex nistgħu nagħrfuk f'kull tbatija umana. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**Is-Seba' Stazzjon**
**Ġesù jaqa' għat-tieni darba**
(Meditazzjoni minn priġunier)

*U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Imbagħad tellgħu x-xorti u qassmu ħwejġu bejniethom* (Lq 23:34).

Dari, meta kont ngħaddi minn quddiem xi ħabs, kont inħares band'oħra: "Qatt ma jien se nispiċċa hemm", kont ngħid lili nnifsi. Id-drabi li kont inħares, kont inħoss diqa u dalma fija: kont inħossi qisni għaddej minn ħdejn ċimiterju ta' mejtin weqfin fuq riġlejhom. Imbagħad jum wieħed spiċċajt il-ħabs, flimkien ma' ħija. Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, kaxkart ukoll lil ommi u lil missieri hemm ġew. Mill-pajjiż barrani li kien għalija, il-ħabs issa hu d-dar tagħna: aħna l-irġiel konna f'ċella waħda, u ommna f'oħra. Kont inħares lejhom u nħossi nirgħex minni nnifsi. M'għadnix inħossni li jien bniedem. Qed jixjieħu fil-ħabs minħabba fija.

Darbtejn waqajt. L-ewwel darba kien meta l-ħażen ġibidni u ċedejt: il-bejgħ tad-drogi, f'għajnejja, kien iġib aktar qligħ mix-xogħol ta' missieri, li kien qed ikisser dahru għaxar sigħat kuljum. It-tieni kien meta, wara li rvinajt lill-familja tiegħi, bdejt nistaqsi lili nnifsi: "Jien min jien biex Kristu jmut għalija?". Il-karba ta' Ġesù – *"Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"* – rajtha riflessa f'għajnejn ommi: hi ħadet fuqha l-mistħija tal-irġiel kollha li kellha f'darha biex issalva l-familja. U lmaħtha wkoll fil-wiċċ ta' missieri, huwa u jiddispra fis-satra taċ-ċella tiegħu. Imma llum nammettiha: f'dawk is-snin ma kontx naf x'qed nagħmel. Issa li naf, qed nipprova bl-għajnuna ta' Alla nerġa' nibni ħajti. Dan kollu nafu lill-ġenituri tiegħi: snin ilu, huma biegħu kulma kellna ta' valur għax ma ridunix ngħix fit-triq. Fuq kollox nafu lili nnifsi: l-idea li l-ħażen jista' jkompli jmexxi lil ħajti ma nistax naċċettaha. Din saret it-triq tas-salib tiegħi.

*Mulej Ġesù, għal darb'oħra int waqajt fl-art: imfarrak mir-rabta tiegħi mal-ħażen, mill-biża' tiegħi li mhux sa nkun kapaċi nsir persuna aħjar. Bil-fidi nduru lejn Missierek u nitolbuh għal dawk kollha li għadu ma rnexxilhomx jeħilsu mill-ħakma ta' Satana, mill-ġibdiet u l-ħajriet tiegħu ta' kull xorta.*

*Nitolbu.*

*O Alla, int ma titlaqniex fid-dlam u d-dell tal-mewt. Fid-dgħufijiet tagħna saħħaħna, eħlisna mir-rabtiet tal-ħażen u bil-qawwa tiegħek kun tarka għalina, biex nistgħu ngħannu għal dejjem il-ħniena tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-Tmien Stazzjon**
**Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm**
(Meditazzjoni minn bint ta' raġel ikkundannat għal għomru l-ħabs)

*Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu: 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'! Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji: 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet: 'Ordmuna!'"* (Lq 23:27-30).

Kemm drabi, bħala l-bint ta' xi ħadd li qiegħed il-ħabs, kien hemm min staqsieni: "Lil missierek tħobbu: qatt jgħaddilek minn moħħok kemm tbatija għadda minnha lill-vittmi tiegħu?". Matul dawn is-snin kollha qatt ma nqast li nwieġeb: "Daż-żgur, impossibbli li ma naħsibx fuq hekk". Imma mbagħad nagħmlilhom din il-mistoqsija: "Qatt għaddielkom minn moħħkom li, mill-vittmi kollha tal-azzjonijiet ta' missieri, jiena kont l-ewwel waħda? Għal tmienja u għoxrin sena ili nservi s-sentenza li nikber mingħajr missier". Għal dawn is-snin kollha għext irrabjata, anzjuża, imdejqa: l-assenza tiegħu hi piż tqil wisq biex inġorru. Ivvjaġġajt mal-Italja kollha, min-nofsinhar sat-tramuntana, biex inkun miegħu: il-bliet tagħha nafhom mhux mill-monumenti imma mill-ħabsijiet li żort. Qisni Telemaku meta ħareġ ifittex lil missieru Odissew: il-vjaġġ tiegħi jeħodni fil-ħabsijiet Taljani u għand dawk li nħobb.

Snin ilu, tlift opportunità ta' mħabba għax jiena l-bint ta' priġunier, ommi spiċċat vittma ta' dipressjoni, il-familja ġiet fix-xejn. Spiċċajt, bil-paga żgħira li kelli, nerfa' l-piż ta' din l-istorja kiebja. Il-ħajja ġagħlitni nsir adulta mingħajr qatt stajt ngħix tfuliti. F'dari, kollox huwa *via crucis*: missieri hu wieħed minn dawk li ġew ikkundannati għomorhom il-ħabs. Dakinhar li żżewwiġt, ħlomt li hu jkun maġenbi: anki dak il-ħin kien ħsiebu fija, imqar jekk kilometri 'l bogħod. "Dik hi l-ħajja!", ngħid lili nnifsi biex nagħmel ftit kuraġġ. Hekk hu: hemm ġenituri li, għax iħobbuhom, jitgħallmu jistennew lil uliedhom jikbru. Fil-każ tiegħi, għax inħobbu, nistenna r-ritorn ta' missieri. Għal nies bħali, it-tama hija dmir.

*Mulej Ġesù, il-kliem tiegħek lin-nisa ta' Ġerusalemm narawhom bħala twissija lil kull wieħed u waħda minna. Dawk il-kelmiet jistednuna għall-konverżjoni, biex ngħaddu minn reliġjożità sentimentali għal fidi li tniżżel għeruqha fil-kelma tiegħek. Nitolbu għal dawk li jkollhom iġorru t-toqol tal-mistħija, it-tbatija tal-abbandun, in-nuqqas ta' preżenza. U għal kull wieħed u waħda minna, biex id-dnubiet tal-ġenituri ma jaqgħux fuq l-ulied.*

*Nitolbu.*

*O Alla, Missier ta' kull tjieba, int lil uliedek ma titlaqhomx waħidhom fit-tiġrib tal-ħajja. Agħtina l-grazzja li nkunu kapaċi nistrieħu fl-imħabba tiegħek u ngawdu għal dejjem il-faraġ tal-preżenza tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**Id-Disa' Stazzjon**
**Ġesù jaqa' għat-tielet darba**
(Meditazzjoni minn priġunier)

*Tajjeb għall-bniedem li jerfa' l-madmad sa minn żgħożitu, li joqgħod waħdu u sieket, meta jgħabbihulu l-Mulej; li qiegħed ħalqu fit-trab, għandu mnejn jifdal xi tama; li jagħti ħaddejh lil min isawtu, li jimtela biż-żebliħ. Għax ma jarmix għal dejjem, lill-bniedem il-Mulej. Għaliex jekk hu jgħakkes iħenn skont il-kotra ta' tjubitu* (Lam 3:27-32).

Qatt ma tieħu pjaċir taqa'; imma barra li ma tiħux pjaċir, li taqa' u terġa' taqa' mill-ġdid issir fiha nfisha għamla ta' kundanna, bħallikieku wieħed ma għadux kapaċi jibqa' wieqaf fuq riġlejh. Bħala raġel, waqajt ħafna drabi: imma ħafna drabi wkoll erġajt qomt. Fil-ħabs spiss naħseb fuq kemm drabi tfajjel ċkejken jaqa' mal-art qabel jitgħallem jimxi: qed nibda nemmen li dawn huma preparazzjonijiet għad-drabi kollha li nkunu għad irridu naqgħu bħala adulti. Meta kont tifel, id-dar tagħna kienet qisha ħabs: kont ngħix taħt il-biża' tal-kastig, nofs triq bejn il-melankonija tal-adulti u n-nuqqas ta' ħsieb tat-tfal. Minn dawk is-snin kollha niftakar lil Swor Gabriella, l-unika tifkira sabiħa li għandi: hi kienet l-unika waħda li rat l-aħjar fija. Bħal Pietru, fittixt u sibt ħafna skużi għall-iżbalji tiegħi: il-fatt stramb hu li xi naqra tajjeb dejjem baqa' jnemnem fija.

Fil-ħabs sirt nannu: ma stajtx nesperjenza ż-żmien tat-tqala ta' binti. Xi darba, lin-neputija tiegħi għad ngħidilha l-istorja, imma dik biss tat-tjieba li sibt u mhux tad-deni li għamilt. Inkellimha dwar dak li, meta kont imċaftar mal-art, wassalli l-ħniena ta' Alla. Fil-ħabs, l-agħar forma ta' dispranment hi meta taħseb li l-ħajja m'għadx fiha sens. Din hi l-ikbar tbatija: min-nies kollha li jgħixu f'solitudni fid-dinja, int tħossok l-aktar wieħed waħdek. Huwa minnu li ħajti ġiet imfarrka f'elf biċċa, imma s-sabiħ hu li dawk il-biċċiet xorta għadhom jistgħu jerġgħu jitwaħħlu ma' xulxin. Mhux faċli, imma hi l-unika ħaġa li għadha tagħmel sens hawn ġew.

*Mulej Ġesù, int taqa' għat-tielet darba mal-art u, meta kulħadd jaħseb li dan hu t-tmiem, għal darb'oħra terġa' tqum. B'fiduċja sħiħa aħna nintelqu f'idejn Missierek u nafdawlu lil dawk kollha li jħossuhom imjassra fl-abbiss tal-iżbalji tagħhom, biex jistgħu jsibu s-saħħa li jerġgħu jqumu u l-kuraġġ li jħallu lil min jgħinhom.*

*Nitolbu.*

*O Alla, qawwa ta' dawk li jittamaw fik, int tagħti l-paċi tiegħek lil dawk li jimxu fit-tagħlim tiegħek. Wieżen il-passi dgħajfa tagħna, erfagħna meta naqgħu minħabba l-infedeltà tagħna. Sawwab il-balzmu tal-faraġ u l-inbid tat-tama fuq il-ġrieħi tagħna. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**L-Għaxar Stazzjon**
**Ġesù mneżża' minn ħwejġu**
(Meditazzjoni minn għalliem fil-ħabs)

*Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: "Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha"* (Ġw 19:23-24).

Bħala għalliem fil-ħabs nara nies deħlin li m'għandhom xejn: imneżżgħa minn kull dinjità minħabba fid-delitti li għamlu, imneżżgħa minn kull rispett lejhom infushom u lejn l-oħrajn. Ta' kuljum narahom isiru iktar u iktar dipendenti fil-ħabs: jiġu bżonni mqar biex ngħinhom jiktbu ittra. Dawn huma ħajjiet imgerfxa fdati fl-għożża tiegħi: bla saħħa, iffrustrati mid-dgħufijiet tagħhom, spiss imċaħħda mqar mill-kapaċità li jifhmu l-ħażen li għamlu. Imma xi drabi qishom trabi tat-twelid li għadek tista' tifformahom. Inħoss li ħajjithom tista' terġa' tibda mill-ġdid u timxi lejn direzzjoni oħra, u tagħti daharha darba għal dejjem lill-ħażen.

Imma saħħti qed tnin ftit ftit. Imqar l-aktar wieħed minna li għandu esperjenza jispiċċa mifni jħabbat wiċċu ta' kuljum ma' din ir-rabja, dan l-uġigħ u dan il-ħażen moħbi kollu. Għażilt dan ix-xogħol wara li ommi sfat maqtula f'ħabta ta' karozza ma' żagħżugħ ivvizzjat bid-droga: qtajtha li nwieġeb minnufih bit-tajjeb għal dak il-ħażen. Imma mqar jekk dan l-impjieg inħobbu, xi drabi nsibha bi tqila biex insib biżżejjed saħħa li nkompli.

F'servizz hekk delikat, hemm bżonn inħossu li m'aħniex abbandunati, biex nistgħu nissapportjaw il-ħafna ħajjiet fdati lilna, ħajjiet li ta' kuljum huma fir-riskju tar-rovina.

*Mulej Ġesù, meta nħarsu lejk imneżża' minn ħwejġek inħossuna nistħu u nistħu. Ibda mill-ewwel fost il-bnedmin, quddiem il-verità għerja bdejna naħarbu. Nistaħbew wara l-maskri tar-rispettabbiltà u nxiddu fuqna lbies ta' gideb, spiss bil-ħwejjeġ imċerċra tal-foqra, sfruttati mill-kilba rgħiba tagħna għall-flus u l-poter. Ħa jħenn għalina l-Missier u bis-sabar kollu jgħinna nsiru iktar sempliċi, iktar trasparenti, iktar awtentiċi: lesti li nabbandunaw darba għal dejjem l-armi tal-ipokrezija.*

*Nitolbu.*

*O Alla, bil-verità tiegħek inti ħlistna. Neżżagħna mir-reżistenza interjuri tagħna u libbisna bid-dawl tiegħek, biex nistgħu nsiru r-rifless tal-glorja tiegħek fid-dinja. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**Il-Ħdax-il Stazzjon**
**Ġesù msallab mas-Salib**
(Meditazzjoni minn saċerdot akkużat u aktar tard meħlus)

*Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Imbagħad tellgħu x-xorti u qassmu ħwejġu bejniethom. Il-poplu waqaf hemm, iħares, waqt li l-kapijiet bdew jiddieħku b'Ġesù u jgħidu: "Salva lil oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur ta' Alla!". Is-suldati wkoll bdew jgħadduh biż-żmien; u resqu lejh, newlulu nbid qares u qalulu: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!". Fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid: 'Dan huwa s-sultan tal-Lhud'. Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajru u jgħidlu: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna". Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li qiegħed taħt l-istess kundanna? Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kulma għamilna; imma dan ma għamel xejn ħażin". Imbagħad qal: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek". U Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi"* (Lq 23:33-43).

Kristu msammar mas-Salib. Kemm drabi, bħala saċerdot, immeditajt fuq din il-paġna tal-Vanġelu. Meta aktar tard, jum fost l-oħrajn, poġġewni fuq salib, ħassejt fuqi l-piż kollu ta' dik l-għuda: l-akkuża saret bi kliem iebes daqs l-imsiemer, it-telgħa dehret wieqfa, it-tbatija niżżlitni 'l isfel magħha. L-aktar mument mudlam kien meta rajt ismi mperreċ barra mill-awla tal-qorti: f'dak il-mument intbaħt li kont bniedem bla ħtija mġiegħel jipprova l-innoċenza tiegħu. Bqajt imdendel mas-salib għal għaxar snin sħaħ: it-Triq tas-Salib tiegħi kienet miżgħuda *dossiers*, suspetti, akkużi, insulti. Kull darba li kont nidħol fl-awla tal-qorti, kont infittex b'għajnejja l-Kurċifiss: kont inżomm għajnejja msammra fuqu waqt li l-liġi tinvestiga l-istorja tiegħi.

Għal waqt wieħed, il-mistħija wasslitni biex naħseb li jkun aħjar jekk intemm dan kollu. Imma mbagħad iddeċidejt li nibqa' s-saċerdot li dejjem kont. Lanqas għall-iċken mument ma ppruvajt inħaffef is-salib tiegħi, imqar meta l-liġi kienet tippermettili. Għażilt li noqgħod għal proċess regolari: almenu b'rispett lejja nnifsi, lejn iż-żgħażagħ li għallimt matul is-snin fis-seminarju, lejn il-familji tagħhom. Jiena u tiela' l-Kalvarju, kollha sibthom hemm fit-triq: saru ċ-Ċirinej tiegħi, refgħu miegħi t-toqol tas-salib, ixxuttaw il-ħafna dmugħ tiegħi. Flimkien miegħi, ħafna minnhom talbu għaż-żagħżugħ li akkużani: qatt ma waqfu. Dakinhar li ġejt meħlus għalkollox, sibt ruħi iktar ferħan minn kemm kont għaxar snin qabel: esperjenzajt direttament l-id ta' Alla f'ħajti. Imdendel mas-salib, skoprejt xi jfisser is-saċerdozju tiegħi.

*Mulej Ġesù, l-imħabba li wrejtna sal-aħħar wasslitek sa fuq is-salib. Int u tmut, xorta taħfrilna u tagħtina l-ħajja. Nafdaw f'idejn Missierek lil dawk l-irġiel u nisa innoċenti kollha li tul l-istorja sofrew kundanna inġusta. Ħa jidwi kliemek fil-qlub tagħhom: "Illum tkun fil-Ġenna miegħi".*

*Nitolbu.*

*O Alla, għajn ta' ħniena u maħfra, li turi lilek innifsek fit-tbatija tal-umanità, dawwalna bil-grazzja li tnixxi mill-ġrieħi tal-Mislub u agħtina l-perseveranza fil-fidi matul il-lejl mudlam tat-tiġrib. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-Tnax-il Stazzjon**
**Ġesù jmut fuq is-salib**
(Meditazzjoni minn maġistrat ċivili)

*Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa, għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi". U kif qal hekk, ħarġet ruħu* (Lq 23:44-46).

Bħala maġistrat ċivili, ma nistax insallab bniedem, ikun min ikun, mas-sentenza li qed jiskonta: għax hekk inkun tajtu t-tieni sentenza. Irid iħallas għall-ħażin li għamel: jekk ma jagħmilx hekk, inkunu qed innaqqsu l-gravità tad-delitti tiegħu, niġġustifikaw l-azzjonijiet intollerabbli li għamel u li kkawżaw tbatija fiżika u morali lil oħrajn.

Imma l-ġustizzja vera hi possibbli biss permezz tal-ħniena li ma ssallabx lil xi ħadd għal dejjem, imma ssir gwida biex tgħinu jerġa' jqum u jintebaħ bit-tajjeb li, għamel kemm għamel ħażin, qatt ma jgħib għalkollox minn ġo qalbu. Jekk jerġa' jsib l-umanità tiegħu, l-ikkundannat jista' jerġa' jibda jara lilu nnifsu fl-oħrajn, fil-vittma li lilha kkawża tant uġigħ. It-triq għat-twelid tiegħu mill-ġdid tista' tkun mimlija sqaqien u nżul u tlajja', u r-riskju li jerġa' jaqa' fil-ħażin jibqa' dejjem hemm, imma xorta ma hemmx mod ieħor kif jipprova jerġa' jibni l-istorja personali u komunitarja tiegħu.

Is-severità ta' sentenza hija prova iebsa ħafna għat-tama tal-persuna: tgħinha tirrifletti u tistaqsi jekk ir-raġunijiet għall-għemejjel tagħha jistgħux isiru opportunità biex tħares lejha nfisha minn lenti oħra. Imma biex jagħmel dan, wieħed irid jitgħallem jagħraf lil dik il-persuna li hemm moħbija wara d-delitt li jkun għamel. F'dan il-proċess, xi drabi jkun possibbli li jilmaħ xefaq li jimlieh bit-tama, u meta jkun serva s-sentenza tiegħu, jerġa' lura fis-soċjetà bit-tama li n-nies jilqgħuh lura wara li kienu rrifjutawh.

Għax aħna lkoll, imqar dawk mixlija b'xi delitt, aħna wlied l-istess familja ta' bnedmin.

*Mulej Ġesù, inti mitt minħabba kundanna korrotta, mogħtija minn imħallfin inġusti mwerwra mill-qawwa inkontrollabbli tal-Verità. F'idejn Missierek nafdaw lill-maġistrati, l-imħallfin u l-avukati kollha, u nitolbu li jkunu ġusti fis-servizz tagħhom lill-Istat u ċ-ċittadini tiegħu, speċjalment dawk li qed ibatu l-effetti tal-faqar.*

*Nitolbu.*

*O Alla, Sultan tal-ġustizzja u l-paċi, fl-għajta ta' Ibnek inti smajt il-karba tal-umanità kollha. Għallimna ma nidentifikawx il-persuna mad-deni li għamlet u għinna nilmħu f'kull bniedem il-fjamma ħajja tal-Ispirtu tiegħek. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**It-Tlettax-il Stazzjon**
**Ġesù mniżżel mis-Salib**
(Meditazzjoni minn voluntier reliġjuż)

*U kien hemm wieħed jismu Ġużeppi, membru tal-Kunsill, imma raġel tajjeb u ġust, li ma kienx qabel mal-membri l-oħra f'dak li riedu u f'dak li għamlu. Kien minn Arimatija, belt tal-Lhudija, u kien jistenna s-Saltna ta' Alla. Dan mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù; niżżlu mis-salib, keffnu f'liżar, u qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat, li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd* (Lq 23:50-53).

Il-priġunieri dejjem kienu l-għalliema tiegħi. Sittin sena ilu, dħalt fil-ħabsijiet bħala patri voluntier u minn dakinhar dejjem berikt il-ġurnata li fiha, għall-ewwel darba, iltqajt ma' din id-dinja moħbija. Jiena u nħares lejn l-uċuħ tagħhom, bdejt nintebaħ b'mod ċar li faċilment stajt kont jien hemm flokhom, kieku ħajti qabdet direzzjoni oħra. Aħna l-Insara spiss naqgħu fl-illużjoni li naħsbu li aħna aħjar minn oħrajn, billi l-fatt li nieħdu ħsieb tal-foqra jippermettilna nagħmluha ta' mħallfin tal-oħrajn, nikkundannawhom kemm irridu aħna, mingħajr id-dritt ta' appell.

F'ħajtu, Kristu minn jeddu għażel li jieħu n-naħa taċ-ċkejknin: ġera fit-trufijiet minsija tad-dinja qalb il-ħallelin, l-imġiddmin, il-prostituti, l-imbroljuni. Ried iduq l-esperjenza tagħhom tal-faqar, is-solitudni, l-ansjetà. Dejjem fhimt li din kienet it-tifsira vera tal-kelmiet: "Kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mt 25:36).

Jiena u ngħaddi minn quddiem ċella għall-oħra, nilmaħ il-mewt li hemm tgħix hemm ġew. Il-ħabs għadu jidfen nies ħajjin: l-istejjer tagħhom ħadd iżjed m'għadu jrid jaf bihom. Kull darba, Kristu jgħidli mill-ġdid: "Ibqa' ħabrek, tiqafx. Erġa' ilqagħhom f'dirgħajk". Ma nistax ma nismagħhomx: imqar fl-agħar persuni, hu jinsab dejjem hemm, hi kemm hi mċajpra l-memorja li għandhom tiegħu. Kulma rrid nagħmel hu li nwaqqaf il-pass mgħaġġel tiegħi, nieqaf fis-skiet quddiem dawk l-uċuħ imtappna bil-ħażen u nismagħhom bil-ħniena. Dan hu l-uniku mod li naf biex naċċetta lil dik il-persuna, u ma niffukax fuq l-iżball li għamlet. B'dan il-mod biss terġa' ssir kapaċi tafda u tikseb saħħa ġdida biex tintelaq fit-tjieba ta' Alla, u tħares lejha nfisha minn għajnejn differenti.

*Mulej Ġesù, ġismek, imbiċċer minn ħażen hekk kbir, issa hu mgeżwer f'liżar u mogħti lill-art għerja: hawn hu l-ħolqien ġdid. Lil Missierek nafdawlu l-Knisja, li twieldet mill-ġenb minfud tiegħek, biex ma ċċedi qatt quddiem il-falliment u d-dehra ta' barra, imma tkompli tħabrek biex twassal lil kulħadd il-bxara t-tajba tas-salvazzjoni tagħna.*

*Nitolbu.*

*O Alla, bidu u tmiem ta' kollox, fl-Għid ta' Kristu inti fdejt lill-bnedmin kollha. Agħtina l-għerf tas-Salib biex nistgħu nintelqu f'idejn ir-rieda tiegħek bi spirtu ta' ferħ u ta' gratitudni. Bi Kristu Sidna. Amen.*

**L-Erbatax-il Stazzjon**
**Ġesù midfun f'qabar**
(Meditazzjoni minn uffiċċjal korrettiv)

*Dakinhar kien Jum it-Tħejjija, u s-Sibt kien għoddu beda. In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù marru wara Ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra. Is-Sibt għaddewh fil-mistrieħ, skont il-preċett tal-Liġi* (Lq 23:54-56).

Fil-missjoni tiegħi bħala uffiċċjal korrettiv, ta' kuljum nara b'għajnejja u mmiss b'idejja t-tbatija ta' dawk li jgħixu l-ħabs. Mhuwiex faċli tiġi ffaċċjat b'xi ħadd li ċeda għall-ħażen u kkawża ħsara kbira fuq oħrajn u fuq ħajjithom. Fil-ħabs, attitudni ta' indifferenza tista' toħloq iktar ħsara fl-istorja ta' xi ħadd li falla u qed iħallas id-dejn tiegħu mal-ġustizzja. Kollega, li kien l-għalliem tiegħi, spiss kien itennili: "Il-ħabs jibdlek: persuna tajba tista' ssir sadista. Persuna ħażina tista' ssir aħjar". Ir-riżultat jiddependi wkoll minni u hemm bżonn ta' deċiżjoni soda biex nistgħu naslu għall-għan tax-xogħol tagħna: dak li noffru possibbiltà oħra lil xi ħadd li żbalja. Biex nipprova nagħmel dan, ma nistax nillimita lili nnifsi biss li niftaħ u nagħlaq ċella, mingħajr ma nagħmel dan bi ftit umanità.

B'rispett lejn ir-ritmu ta' kull persuna, ir-relazzjonijiet umani jistgħu jwarrdu mill-ġdid ftit ftit f'din id-dinja krudili. Dan jiġri b'ġesti, attitudnijiet u kliem li jistgħu jagħmlu differenza, imqar jekk imlissna minn taħt l-ilsien. Ma nistħix inħaddem dan id-djakonat permanenti billi nilbes l-uniformi li jien kburi biha. Naf xi jkunu t-tbatija u l-qtigħ ta' qalb: doqthom bħala tifel. Ix-xewqa ċkejkna tiegħi hi li nkun punt ta' riferiment għal dawk li magħhom niltaqa' fil-ħabs. Inħabrek biex inżomm ħajja t-tama f'persuni mitluqa, imbeżżgħa għall-ħsieb li jum wieħed għad joħorġu u aktarx jiġu rrifjutati mill-ġdid mis-soċjetà.

Fil-ħabs, infakkarhom li, ma' Alla, ebda dnub mhu ħa jkollu qatt l-aħħar kelma.

*Mulej Ġesù, għal darb'oħra inti f'idejn il-bnedmin, imma din id-darba, dawn huma l-idejn kollha mħabba ta' Ġużeppi ta' Arimatija u xi nisa twajba mill-Galilija, li jafu li ġismek hu prezzjuż. Idejhom jirrappreżentaw l-idejn ta' dawk kollha li ma jegħjew qatt jaqduk u juru l-imħabba li għaliha kapaċi jaslu l-bnedmin. Hija din l-imħabba li tridna nittamaw fil-possibbiltà ta' dinja aħjar. Kulma rridu nagħmlu hu li nħallu tilħaqna l-grazzja li ġejja minnek. Fit-talb, aħna nafdaw f'idejn Missierek, b'mod partikulari, il-gwardjani kollha tal-ħabs u dawk kollha li f'diversi kapaċitajiet jaħdmu fil-ħabsijiet.*

*Nitolbu.*

*O Alla, dawl ta' dejjem u jum li ma jintemmx, imla bil-barka tiegħek lil dawk kollha li jiddedikaw ħajjithom għall-ġieħ tiegħek u għall-qadi ta' dawk li qed ibatu fil-ħafna postijiet ta' tbatija u dulur tal-bnedmin. Bi Kristu Sidna. Amen.*